

## I

(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)

## OPINJONIJIET

KONTROLLUR EWROPEW GĦALL-PROTEZZJONI TAD-  
DATA

**Opinjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta dwar il-proposti tal-Kummissjoni għal Direttiva dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tal-impriżi tal-investment, u għal Regolament dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u għall-impriżi tal-investment**

(2012/C 175/01)

IL-KONTROLLUR EWROPEW GĦALL-PROTEZZJONI TAD-DEJTA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 16 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 7 u 8 tagħha,

Wara li kkunsidra d-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-dejta <sup>(1)</sup>,

Wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dik id-dejta <sup>(2)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 28(2) tiegħu,

ADOTTA L-OPINJONI LI ĠEJJA:

## 1. INTRODUZZJONI

## 1.1. Konsultazzjoni tal-KEPD

1. Din l-Opinjoni hija parti minn pakkett ta' 4 Opinjonijiet tal-KEPD relatati mas-settur finanzjarju, kollha adottati fl-istess ġurnata <sup>(3)</sup>.
2. Fl-20 ta' Lulju 2011, il-Kummissjoni adottat żewġ proposti dwar ir-reviżjoni tal-leġiżlazzjoni bankarja. L-ewwel proposta tikkonċerna Direttiva dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tal-impriżi tal-investment (id-"Direttiva proposta") <sup>(4)</sup>. It-tieni proposta tikkonċerna Regolament dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u għall-impriżi tal-investment (ir-"Regolament propost") <sup>(5)</sup>. Dawn il-proposti ntbagħtu lill-KEPD għal konsultazzjoni fl-istess ġurnata. Fit-18 ta' Novembru 2011, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea kkonsulta lill-KEPD dwar id-Direttiva proposta.
3. Il-KEPD ġie kkonsultat b'mod informali qabel l-adozzjoni tar-Regolament propost. Il-KEPD jinnota li bosta mill-kummenti tiegħu ġew ikkunsidrati fil-proposta.
4. Il-KEPD jilqa' l-fatt li huwa kkonsultat mill-Kummissjoni u mill-Kunsill u jirrakkomanda li tiġi inkluża referenza għall-Opinjoni preżenti fil-preambolu tal-istrumenti adottati.

<sup>(1)</sup> ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31.

<sup>(2)</sup> ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.

<sup>(3)</sup> Opinjonijiet tal-KEPD tal-10 ta' Frar 2012 dwar il-pakkett leġiżlattiv dwar ir-reviżjoni tal-leġiżlazzjoni bankarja, l-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu, is-swieq fl-istrumenti finanzjarji (MIFID/MIFIR) u l-abbuż tas-suq.

<sup>(4)</sup> COM(2011) 453.

<sup>(5)</sup> COM(2011) 452.

### 1.2. L-objettivi u l-ambitu tal-proposti

5. Il-leġiżlazzjoni proposta tinkludi żewġ strumenti legali: Direttiva dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tal-impriżi tal-investment u Regolament dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u għall-impriżi tal-investment. Fil-qosor, l-objettivi ta' politika tar-reviżjoni proposta huma li jiġi żgurat l-operat bla xkiel tas-settur bankarju u li tinkiseb lura l-fiduċja mill-operaturi u mill-pubbliku. L-istrumenti proposti ser jissostitwixxu d-Direttiva 2006/48/KE u d-Direttiva 2006/49/KE, li konsegwentement ser jiġu rrevokati.
6. L-elementi ġodda ewlenin tad-Direttiva proposta huma dispożizzjonijiet dwar sanzjonijiet, tmexxija korporattiva effettiva u dispożizzjonijiet li jipprevjenu dipendenza żejda fuq klassifikazzjonijiet tal-kreditu esterni. B'mod partikolari, id-Direttiva proposta għandha l-għan li tintroduċi sistema ta' sanzjonar effettiva u proporzjonata, ambitu personali xieraq tas-sanzjonijiet amministrattivi, il-pubblikazzjoni ta' sanzjonijiet u mekkaniżmi li jinkoraġġixxu r-rapportar ta' ksur. Barra minn hekk, hija għandha l-għan li ssaħħaħ il-qafas leġislattiv rigward it-tmexxija korporattiva u li tnaqqas id-dipendenza żejda fuq il-klassifikazzjonijiet esterni <sup>(6)</sup>.
7. Ir-Regolament propost jikkumplimenta d-Direttiva proposta billi jstabilixxi rekwiżiti prudenzjali uniformi u direttament applikabbli għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u għall-impriżi tal-investment. Kif issemma fil-memorandum ta' spjegazzjoni, l-għan kumplessiv tal-inizjattiva huwa li tiżgura li tissaħħaħ l-effettività tar-regolament dwar il-kapital istituzzjonali fl-UE u li jiġi kkontrollat l-impatt negattiv tiegħu fuq is-sistema finanzjarja <sup>(7)</sup>.

### 1.3. L-għan tal-Opinjoni tal-KEPD

8. Filwaqt li bosta mid-dispożizzjonijiet tal-istrumenti proposti huma relatati mat-tweqqif tal-attivitajiet tal-istituzzjonijiet ta' kreditu, l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tal-qafas legali jistgħu f'ċerti każijiet jaffettwaw id-drittijiet ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar tad-dejta personali tagħhom.
9. Bosta dispożizzjonijiet tad-Direttiva proposta jippermettu l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-Istati Membri u, possibbilment, ta' pajjiżi terzi <sup>(8)</sup>. Din l-informazzjoni tista' tkun relatata ħafna ma' individwi, bħall-membri tal-maniġment tal-istituzzjonijiet ta' kreditu, mal-impjegati tagħhom u mal-azzjonisti. Barra minn hekk, skont id-Direttiva proposta, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jimponu sanzjonijiet direttament fuq l-individwi u huma obbligati li jipubblikaw is-sanzjonijiet imposti, inkluża l-identità tal-individwi responsabbli <sup>(9)</sup>. Sabiex tiġi ffaċilitata d-detezzjoni tal-ksur, il-proposta tintroduċi l-obbligu għall-awtoritajiet kompetenti li jimplementaw mekkaniżmi li jinkoraġġixxu r-rapportar ta' ksur <sup>(10)</sup>. Barra minn hekk, ir-Regolament propost jobbliga lill-istituzzjonijiet ta' kreditu u lill-impriżi tal-investment biex jiżvelaw l-informazzjoni relatata mal-politiki tagħhom dwar ir-rimunerazzjoni, inklużi l-ammonti mħallsa ssegregati skont il-kategoriji tal-persunal u skont l-iskali tas-salarju <sup>(11)</sup>. Dawn id-dispożizzjonijiet kollha jista' jkollhom implikazzjonijiet ta' protezzjoni tad-dejta għall-individwi kkonċernati.
10. Fid-dawl ta' dak li ssemma hawn fuq, l-Opinjoni preżenti ser tiffoka fuq l-aspetti li ġejjin tal-pakkett relatati mal-privatezza u l-protezzjoni tad-dejta: (1) l-applikabbiltà tal-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tad-dejta; (2) it-trasferimenti ta' dejta lil pajjiżi terzi; (3) is-segretezza professjonali u l-użu ta' informazzjoni kunfidenzjali; (4) il-pubblikazzjoni obbligatorja tas-sanzjonijiet; (5) il-mekkaniżmi għar-rapportar ta' ksur; (6) ir-rekwiżiti ta' żvelar li jikkonċernaw il-politiki dwar ir-rimunerazzjoni.

## 2. ANALIŻI TAL-PROPOSTI

### 2.1. L-applikabbiltà tal-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tad-dejta

11. Il-premessa 74 tad-Direttiva proposta fiha referenza għall-applikabbiltà sħiħa tal-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tad-dejta. Madankollu, għandha tiddaħħal referenza għal-leġiżlazzjoni applikabbli dwar il-protezzjoni tad-dejta f'Artikolu sostantiv tal-proposti. Eżempju tajjeb ta' dispożizzjoni sostantiva bħal

<sup>(6)</sup> Memorandum ta' spjegazzjoni tad-Direttiva proposta, p. 2-3.

<sup>(7)</sup> Memorandum ta' spjegazzjoni tar-Regolament propost, p. 2-3.

<sup>(8)</sup> Ara, b'mod partikolari, l-Artikoli 24, 48 u 51 tad-Direttiva proposta.

<sup>(9)</sup> Artikoli 65(2) u 68 tad-Direttiva proposta.

<sup>(10)</sup> Artikolu 70 tad-Direttiva proposta.

<sup>(11)</sup> Artikolu 435 tar-Regolament propost.

din jista' jinstab fl-Artikolu 22 tal-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar abbuż minn informazzjoni privileġġata u manipulazzjoni tas-suq <sup>(12)</sup>, li bħala regola ġenerali jistabbilixxi espliċitament li d-Direttiva 95/46/KE u r-Regolament (KE) Nru 45/2001 japplikaw għall-ipproċessar ta' dejta personali fil-qafas tal-proposta.

12. Dan huwa partikolarment rilevanti, pereżempju, fir-rigward tad-dispożizzjonijiet varji li jikkonċernaw l-iskambji ta' informazzjoni personali. Dawn id-dispożizzjonijiet huma perfettament leġittimi iżda jeħtieġ li jiġu applikati b'mod li jkun konsistenti mal-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tad-dejta. Ir-riskju huwa li jiġi evitat, b'mod partikolari, li dawn ikunu jistgħu jitqiesu bħala awtorizzazzjoni komprensiva għall-iskambju ta' kull tip ta' dejta personali. Referenza għal-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tad-dejta, anki fid-dispożizzjonijiet sostantivi, għandha tnaqqas dan ir-riskju b'mod sinjifikanti.
13. Għalhekk, il-KEPD jissuġġerixxi li tiddaħħal dispożizzjoni sostantiva simili bħal fl-Artikolu 22 tal-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar abbuż minn informazzjoni privileġġata u manipulazzjoni tas-suq <sup>(13)</sup>, soġġetta għas-suġġerimenti li huwa għamel dwar din il-proposta <sup>(14)</sup>, jiġifieri li ssir enfasi fuq l-applikabbiltà tal-leġiżlazzjoni eżistenti dwar il-protezzjoni tad-dejta u li tiġi ċċarata r-referenza għad-Direttiva 95/46/KE billi jiġi speċifikat li d-dispożizzjonijiet japplikaw skont ir-regoli nazzjonali li jimplementaw id-Direttiva 95/46/KE.

## 2.2. Trasferimenti lil pajjiżi terzi

14. L-Artikolu 48 tad-Direttiva proposta jstabbilixxi li l-Kummissjoni tista' tippreżenta proposti lill-Kunsill għan-negozjati ta' ftehimiet ma' pajjiżi terzi li qegħdin ifittxu li jiżguraw, fost l-oħrajn, li l-awtoritajiet kompetenti jkun jistgħu jiksbu l-informazzjoni neċessarja għas-supervizzjoni tal-impriżi prinċipali li jinsabu fit-territorji tagħhom u li għandhom kumpanija sussidjarja fi Stat Membru wieħed jew aktar.
15. Safejn din l-informazzjoni tinkludi dejta personali, id-Direttiva 95/46/KE u r-Regolament (KE) Nru 45/2001 huma applikabbli għal kollox fir-rigward tat-trasferimenti ta' dejta lil pajjiżi terzi. Il-KEPD jissuġġerixxi li fl-Artikolu 48 għandu jiġi ċċarat li, f'dawn il-każijiet, tali ftehimiet għandhom jikkonformaw mal-kundizzjonijiet għat-trasferimenti ta' dejta personali lill-pajjiżi terzi stipulati fil-Kapitolu IV tad-Direttiva 95/46/KE u fir-Regolament (KE) Nru 45/2001. L-istess għandu jiġi previst fir-rigward tal-Artikolu 56 dwar il-kooperazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti ta' ftehimiet ma' pajjiżi terzi li daħlu fihom l-Istati Membri u l-EBA.
16. Minbarra dan, fid-dawl tar-riskji kkonċernati fi trasferimenti bħal dawn, il-KEPD jirrakkomanda li jiżdiedu salvagwardji speċifiċi kif sar fl-Artikolu 23 tal-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar abbuż minn informazzjoni privileġġata u manipulazzjoni tas-suq. Fl-Opinjoni tal-KEPD dwar din il-proposta, huwa jilqa' l-użu ta' tali dispożizzjoni li tinkludi salvagwardji xierqa, bħal valutazzjoni każ b'każ, li jiżguraw in-neċessità tat-trasferiment u l-eżistenza ta' livell adegwat ta' protezzjoni ta' dejta personali fil-pajjiż terz li jirċievi d-dejta personali.

## 2.3. Is-segretezza professjonali u l-użu ta' informazzjoni kunfidenzjali

17. L-Artikolu 54 tad-Direttiva proposta jgħid li l-membri tal-persunal tal-awtoritajiet kompetenti għandhom jirrispettaw l-obbligu tas-segretezza professjonali. It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 54 jipprojbixxi l-iżvelar ta' informazzjoni kunfidenzjali, "ħlief f'għamla fil-qosor jew kollettiva, sabiex ma jkunux jistgħu jiġu identifikati istituzzjonijiet ta' kreditu individwali [...]". Kif inhu fformulat, mhuwiex ċar jekk il-projbizzjoni tkoprix ukoll l-iżvelar ta' informazzjoni personali.
18. Il-KEPD jirrakkomanda li l-projbizzjoni tal-iżvelar ta' informazzjoni kunfidenzjali inkluża fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 54(1) tiġi estiża għal każijiet fejn l-individwi jkun identifikabbli (jiġifieri mhux "istituzzjonijiet ta' kreditu individwali" biss). Fi kliem ieħor, id-dispożizzjoni għandha tiġi fformulata mill-ġdid sabiex tipprobixxi l-iżvelar ta' informazzjoni kunfidenzjali, "ħlief f'għamla fil-qosor jew kollettiva, sabiex ma jkunux jistgħu jiġu identifikati istituzzjonijiet ta' kreditu individwali u individwi" (enfasi miżjuda).

<sup>(12)</sup> Proposta tal-Kummissjoni għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar abbuż minn informazzjoni privileġġata u manipulazzjoni tas-suq, COM(2011) 651.

<sup>(13)</sup> Ara n-nota fqiegħ il-paġna nru 12.

<sup>(14)</sup> Ara l-Opinjoni tal-10 ta' Frar 2012 dwar il-proposti tal-Kummissjoni għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar abbuż minn informazzjoni privileġġata u manipulazzjoni tas-suq u għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar sanzjonijiet kriminali għal abbuż minn informazzjoni privileġġata u manipulazzjoni tas-suq, COM(2011) 654.

## 2.4. Dispożizzjonijiet li jikkonċernaw il-pubblikazzjoni tas-sanzjonijiet

### 2.4.1. Il-pubblikazzjoni obbligatorja tas-sanzjonijiet

19. Wieħed mill-oġġettivi ewlenin tal-pakkett propost huwa li jirrinforza u japprossima l-qafas legali tal-Istati Membri dwar il-miżuri u s-sanzjonijiet amministrattivi. Id-Direttiva proposta tipprovdi s-setgħa tal-awtoritajiet kompetenti li jimponu sanzjonijiet, mhux biss fuq l-istituzzjonijiet ta' kreditu, iżda wkoll fuq l-individwi li huma materjalment responsabbli għall-ksur<sup>(15)</sup>. L-Artikolu 68 jobbliga lill-Istati Membri biex jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jipubblikaw *kull* sanzjoni jew miżura imposta għall-ksur tar-Regolament propost jew tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati fl-implimentazzjoni tad-Direttiva proposta mingħajr dewmien żejjed, inkluż informazzjoni dwar it-tip u n-natura tal-ksur u dwar l-identità tal-persuna responsabbli għalih.
20. Il-pubblikazzjoni tas-sanzjonijiet tikkontribwixxi għaż-żieda tad-deterrenza, billi l-awturi ta' reati attwali jew potenzjali jiġu skoraggħiti milli jwettqu reati biex jevitaw ħsara sinjifikanti fir-reputazzjoni tagħhom. Bl-istess mod, hija għandha żżid it-trasparenza, billi l-operaturi tas-suq isiru jafu li twettaq xi ksur minn persuna partikolari<sup>(16)</sup>. Dan l-obbligu jitnaqqas biss meta l-pubblikazzjoni tkun ser tikkawża ħsara sproporzjonata lill-partijiet involuti, fliema każ l-awtoritajiet kompetenti għandhom jipubblikaw is-sanzjonijiet fuq bażi anonima.
21. Il-KEPD mhuwix konvint li l-pubblikazzjoni obbligatorja tas-sanzjonijiet, kif inhi fformulata bħalissa, tissodisfa r-rekwiżiti tal-liġi dwar il-protezzjoni tad-dejta kif ikkjarifikati mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza *Schecke*<sup>(17)</sup>. Huwa tal-fehma li l-għan, in-neċessità u l-proporzjonalità tal-miżura mhumiex stabbiliti biżżejjed u li, fi kwalunkwe każ, kellihom jiġu previsti salvagwardji adegwati għad-drittijiet tal-individwi.

### 2.4.2. In-neċessità u l-proporzjonalità tal-pubblikazzjoni

22. Fis-sentenza *Schecke*, il-Qorti tal-Ġustizzja annullat id-dispożizzjonijiet ta' Regolament tal-Kunsill u ta' Regolament tal-Kummissjoni li jipprevedu l-pubblikazzjoni obbligatorja ta' informazzjoni dwar il-benefiċjarji ta' fondi agrikoli, inkluża l-identità tal-benefiċjarji u l-ammonti rċevuti. Il-Qorti ddeċidiet li l-pubblikazzjoni msemmija kienet tikkostitwixxi l-ipproċessar ta' dejta personali li taqa' taħt l-Artikolu 8(2) tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali (il-"Karta") u għalhekk kienet tikkostitwixxi interferenza mad-drittijiet rikonoxxuti mill-Artikolu 7 u 8 tal-Karta.
23. Wara li analizzat li "d-derogi u l-limitazzjonijiet fir-rigward tal-protezzjoni ta' dejta personali għandhom japplikaw biss sakemm ikun strettament neċessarju", il-Qorti għaddiet biex tanalizza l-għan tal-pubblikazzjoni u l-proporzjonalità tagħha. Hija kkonkludiet li f'dak il-każ ma kien hemm xejn li juri li, meta adottaw il-leġiżlazzjoni kkonċernata, il-Kunsill u l-Kummissjoni ħadu f'kunsiderazzjoni metodi ta' publikazzjoni tal-informazzjoni li jkun konsistenti mal-għan ta' tali publikazzjoni, filwaqt li fl-istess ħin tiġi kkważata inqas interferenza ma' dawk il-benefiċjarji.
24. L-Artikolu 68 tad-Direttiva proposta jidher li huwa affettwat mill-istess nuqqasijiet enfazizzati mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza *Schecke*. Għandna nżommu f'moħħna li meta tiġi vvalutata l-konformità mar-rekwiżiti tal-protezzjoni tad-dejta ta' dispożizzjoni li tirrikjedi l-iżvelar pubbliku ta' informazzjoni personali, huwa importanti ħafna li jiġi stabbilit għan ċar u definit sewwa li jkun intiż biex iservi l-pubblikazzjoni prevista. Huwa biss permezz ta' għan ċar u definit sewwa li jista' jiġi evalwat jekk il-pubblikazzjoni tad-dejta personali involuta hijiex tabilħaqq neċessarja u proporzjonata<sup>(18)</sup>.
25. Wara li qara l-proposta u d-dokumenti li jakkumpanjawha (jiġifieri, ir-rapport dwar il-valutazzjoni tal-impatt), il-KEPD għandu l-impresjoni li l-għan, u konsegwentement in-neċessità, ta' din il-miżura mhuwix stabbilit b'mod ċar. Filwaqt li l-premessi tal-proposta ma jgħidu xejn dwar dawn il-kwistjonijiet, ir-rapport dwar il-valutazzjoni tal-impatt jgħid biss li l-"publikazzjoni tas-sanzjonijiet hija element importanti sabiex jiġi żgurat li s-sanzjonijiet ikollhom effett dissważiv fuq id-destinatarji u hija neċessarja sabiex jiġi żgurat li s-sanzjonijiet ikollhom effett dissważiv fuq il-pubbliku ġenerali". Madankollu, ir-rapport ma jikkunsidrax jekk metodi inqas intrużivi setgħux jiggarrantixxu l-istess riżultat

<sup>(15)</sup> L-ambitu personali tas-sanzjonijiet huwa ċċarat fl-Artikolu 65 tad-Direttiva proposta li tistabbilixxi li l-Istati Membri għandhom jiżguraw li fejn l-obbligi japplikaw għal istituzzjonijiet, kumpaniji azzjonarji finanzjarji u kumpanija holding ta' attivitajiet imħalla, f'każ ta' ksur, jistgħu jiġu applikati sanzjonijiet għall-membri tal-korp manijerjali, u għal kwalunkwe individwu ieħor li skont il-liġi nazzjonali huwa responsabbli mill-ksur.

<sup>(16)</sup> Ara r-rapport dwar il-valutazzjoni tal-impatt, p. 42 *et seq.*

<sup>(17)</sup> Il-Kawżi Konġunti C-92/09 u C-93/09, *Schecke*, il-paragrafi 56-64.

<sup>(18)</sup> F'dan ir-rigward, ara wkoll l-Opinjoni tal-KEPD tal-15 ta' April 2011 dwar ir-regoli Finanzjarji applikabbli għall-baġit annwali tal-Unjoni (ĠU C 215, 21.7.2011, p. 13).

f'termini tad-deterrenza mingħajr ma jinterferixxu mad-drittijiet tal-privatezza tal-individwi kkonċernati. Huwa ma jispjegax, b'mod partikolari, għaliex il-penali finanzjarji jew tipi oħrajn ta' sanzjonijiet li ma jaffettwawx il-privatezza mhumiex suffiċjenti.

26. Barra minn hekk, ir-rapport dwar il-valutazzjoni tal-impatt ma jidherx li jieħu biżżejjed kont ta' metodi inqas intrużivi tal-pubblikazzjoni tal-informazzjoni, bħal-limitazzjoni tal-pubblikazzjoni għall-identità tal-istituzzjonijiet ta' kreditu jew saħansitra li tiġi kkunsidrata l-ħtieġa għall-pubblikazzjoni fuq bażi ta' każ b'każ. B'mod partikolari, *prima facie*, l-aħħar alternattiva tidher li hija soluzzjoni aktar proporzjonata, speċjalment jekk wieħed iqs li l-pubblikazzjoni hija minnha nnifisha sanzjoni skont l-Artikolu 67(2)(a) u li l-Artikolu 69 jistabbilixxi li meta jiddeterminaw l-applikazzjoni tas-sanzjonijiet, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jieħdu kont taċ-ċirkostanzi rilevanti (jiġifieri, valutazzjoni każ b'każ), bħall-gravità tal-ksur, il-livell ta' responsabbiltà personali, ir-riċedività, it-telf għall-partijiet terzi, eċċ. Il-pubblikazzjoni obbligatorja tas-sanzjonijiet, fil-każijiet kollha skont l-Artikolu 68, hija inkonsistenti mas-sistema ta' sanzjonar stabbilita fl-Artikoli 67 u 69.
27. Ir-rapport dwar il-valutazzjoni tal-impatt jiddedika biss ftit paragrafi biex jispjega għaliex il-pubblikazzjoni fuq bażi ta' każ b'każ mhijiex alternattiva suffiċjenti. Huwa jgħid li jekk inħallu f'idejn l-awtoritajiet kompetenti biex jiddeċiedu "jekk il-pubblikazzjoni hijiex xierqa" nkunu qegħdin innaqqsu l-effett deterenti tal-pubblikazzjoni<sup>(19)</sup>. Madankollu, fil-fehma tal-KEPD, huwa eżattament dan l-aspett – jiġifieri, il-possibbiltà li l-każ jiġi evalwat fid-dawl taċ-ċirkostanzi speċifiċi – li jagħmel din is-soluzzjoni għażla aktar proporzjonata u għalhekk għażla ppreferuta meta mqabbla mal-pubblikazzjoni obbligatorja fil-każijiet kollha. Din id-diskrezzjoni, pereżempju, tagħti ċ-ċans lill-awtorità kompetenti biex tevita l-pubblikazzjoni f'każijiet ta' ksur inqas serju, fejn il-ksur ma jkun ikkawża ebda ħsara sinjifikanti, fejn il-parti tkun uriet attitudni kooperattiva, eċċ.

#### 2.4.3. Il-ħtieġa ta' salvagwardji adegwati

28. Id-Direttiva proposta għandha tkun ipprevediet salvagwardji adegwati sabiex tiżgura bilanċ ġust bejn l-interessi differenti involuti. L-ewwel nett, is-salvagwardji huma neċessarji fir-rigward tad-dritt tal-persuni akkużati li jikkontestaw id-deċiżjoni quddiem qorti u fir-rigward tal-preżunzjoni tal-innoċenza. F'dan ir-rigward, kellu jiġi inkluż lingwaġġ speċifiku fit-test tal-Artikolu 68, sabiex l-awtoritajiet kompetenti jiġu obbligati jieħdu miżuri xierqa fir-rigward tas-sitwazzjonijiet fejn id-deċiżjoni hija soġġetta għal appell u fejn ġiet eventwalment annullata minn qorti<sup>(20)</sup>.
29. It-tieni, id-Direttiva proposta għandha tiżgura li d-drittijiet tas-suġġetti tad-dejta jiġu rrispettati b'mod proattiv. Il-KEPD japprezza l-fatt li l-verżjoni finali tal-proposta tipprevedi l-possibbiltà li l-pubblikazzjoni tiġi eskluża f'każijiet fejn tkun ser tikkawża ħsara sproporzjonata. Madankollu, approċċ proattiv għandu jimplika li s-suġġetti tad-dejta għandhom jiġu informati minn qabel dwar il-fatt li tkun ser tiġi ppubblikata d-deċiżjoni li tissanzjonahom, u li huma jingħataw id-dritt li joġġezzjonaw skont l-Artikolu 14 tad-Direttiva 95/46/KE għal raġunijiet leġittimi konvinċenti<sup>(21)</sup>.
30. It-tielet, filwaqt li d-Direttiva proposta ma tispeċifikax il-midjum li fuqu għandha tiġi ppubblikata l-informazzjoni, fil-prattika, huwa immaġinabbli li f'ħafna mill-Istati Membri, il-pubblikazzjoni ssir fuq l-Internet. Il-pubblikazzjonijiet fuq l-Internet iqajmu kwistjonijiet u riskji speċifiċi li jikkonċernaw, b'mod partikolari, il-ħtieġa li jiġi żgurati li l-informazzjoni tinżamm online għal mhux aktar milli jkun meħtieġ u li d-dejta ma tkunx tista' tiġi mmanipulata jew mibdula. L-użu ta' magni ta' f'ttixija esterni jinvolvi wkoll ir-riskju li l-informazzjoni tista' tittieħed barra mill-kontest u titwassal permezz u barra mill-internet b'modi li ma jistgħux jiġu kkontrollati faċilment<sup>(22)</sup>.

<sup>(19)</sup> Ara p. 44-45.

<sup>(20)</sup> Pereżempju, jistgħu jiġu kkunsidrati l-miżuri li ġejjin mill-awtoritajiet nazzjonali: li l-pubblikazzjoni tiddewwem sakemm jiġi rrifjutat l-appell jew, kif issuġġerit fir-rapport dwar il-valutazzjoni tal-impatt, li jiġi indikat b'mod ċar li d-deċiżjoni għadha soġġetta għal appell u li l-individwu għandu jitqies bħala innoċenti sakemm id-deċiżjoni ssir finali, sabiex tiġi ppubblikata rettifika f'każijiet fejn id-deċiżjoni tiġi annullata minn qorti.

<sup>(21)</sup> Ara l-Opinjoni tal-KEPD tal-10 ta' April 2007 dwar il-finanzjament tal-Politika Agrikola Komuni (ĠU C 134, 16.6.2007, p. 1).

<sup>(22)</sup> F'dan ir-rigward, ara d-dokument ippubblikat mid-DPA tal-Italja "Dejta Personali kif Inkluża wkoll fir-Reġistri u d-Dokumenti mill-Korpi Amministrattivi Pubbliċi: Linji Gwida għall-Ipproċessar Tagħhom minn Korpi Pubbliċi b'Konnessjoni mal-Komunikazzjoni u d-Disseminazzjoni bbażata fuq l-Internet", disponibbli fuq il-websajt tad-DPA tal-Italja, <http://www.garanteprivacy.it/garante/doc.jsp?ID=1803707>

31. Fid-dawl ta' dak li ssemma hawn fuq, jeħtieġ li l-Istati Membri jiġu obbligati jiżguraw li d-dejta personali tal-persuni kkonċernati tinżamm online biss għal perjodu ta' żmien raġonevoli, li warajh titħassar sistematikament <sup>(23)</sup> Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom jintalbu jiżguraw li jiġu implimentati salvagwardji u miżuri ta' sigurtà adegwati, speċjalment sabiex jiproteġu mir-riskji relatati mal-użu ta' magni ta' tfittxija esterni <sup>(24)</sup>.

#### 2.4.4. Konklużjonijiet dwar il-pubblikazzjoni

32. Il-KEPD huwa tal-fehma li d-dispożizzjoni dwar il-pubblikazzjoni obligatorja tas-sanzjonijiet – kif inhi fformulata bħalissa – ma tikkonformax mad-dritt fundamentali għall-privatezza u l-protezzjoni tad-dejta. Il-leġiżlatur għandu jevalwa bir-reqqa n-neċessità tas-sistema proposta u jivverifika jekk l-obbligu tal-pubblikazzjoni jmurx 'il hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħaq l-oġġettiv ta' interess pubbliku segwit u jekk hemmx miżuri inqas restrittivi sabiex jintlaħaq l-istess oġġettiv. Soġġett għall-eżitu ta' dan it-test ta' proporzjonalità, l-obbligu tal-pubblikazzjoni għandu f'kull każ ikun appoġġjat minn salvagwardji adegwati li jiżguraw ir-rispett għall-preżunzjoni tal-innoċenza, id-dritt tal-persuni kkonċernati li joġġezzjonaw, is-sigurtà/l-eżattezza tad-dejta u t-tħassir tagħha wara perjodu ta' żmien adegwat.

### 2.5. Rapportar ta' ksur

33. L-Artikolu 70 tad-Direttiva proposta jittratta l-mekkaniżmi għar-rapportar tal-ksur, magħrufa wkoll bħala skemi ta' whistle-blowing. Filwaqt li jistgħu jservu bħala għodda ta' konformità effettiva, dawn is-sistemi jqajmu kwistjonijiet sinjifikanti minn perspettiva tal-protezzjoni tad-dejta <sup>(25)</sup>. Il-KEPD jilqa' l-fatt li l-Proposta fiha salvagwardji speċifiċi, li għandhom ikomplu jiġu żviluppati fil-livell nazzjonali, dwar il-protezzjoni tal-persuni li jirrapportaw fuq il-ksur suspettat u, b'mod aktar ġenerali, dwar il-protezzjoni ta' dejta personali. Il-KEPD huwa konxju tal-fatt li d-Direttiva proposta tistabbilixxi biss l-elementi ewlenin tal-iskema li għandha tiġi implimentata mill-Istati Membri. Madankollu, huwa jixtieq jiġbed l-attenzjoni għall-punti addizzjonali li ġejjin.

34. Bħal fil-każijiet ta' Opinjonijiet oħrajn <sup>(26)</sup>, il-KEPD jaġmel enfasi fuq il-ħtieġa li tiġi introdotta referenza speċifika għall-ħtieġa li tiġi rrispettata l-kunfidenzjalità tal-identità tal-whistleblowers u tal-informaturi. Il-KEPD jenfasizza li l-pożizzjoni tal-whistleblowers hija waħda sensitiva. Il-persuni li jipprovdu din l-informazzjoni għandhom jiġu garantiti li l-identità tagħhom tiġi pproċessata taħt kundizzjonijiet ta' kunfidenzjalità, b'mod partikolari vis-à-vis il-persuna li dwarha tkun qiegħda tiġi rrapportata l-allegata irregolarità <sup>(27)</sup>. Il-kunfidenzjalità tal-identità tal-whistleblowers għandha tiġi garantita fl-istadji kollha tal-proċedura, sakemm din ma tmurx kontra r-regoli nazzjonali li jirregolaw il-proċeduri ġudizzjarji. B'mod partikolari, jista' jkun meħtieġ li l-identità tiġi żvelata fil-kuntest ta' investigazzjoni ulterjuri jew proċeduri ġudizzjarji sussegwenti mibdija bħala riżultat tal-inkjesta (inkluż jekk ikun ġie stabbilit li b'mod malizzjuż ikunu għamlu dikjarazzjonijiet foloz dwarhom) <sup>(28)</sup>. Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq,

<sup>(23)</sup> Dan it-tħassib huwa marbut ukoll mad-dritt aktar ġenerali li wieħed jintesa, li bħalissa qiegħda tiġi diskussa l-inklużjoni tiegħu fil-qafas leġiżlattiv ġdid għall-protezzjoni ta' dejta personali.

<sup>(24)</sup> Dawn il-miżuri u s-salvagwardji jistgħu jikkonsistu, pereżempju, fl-esklużjoni tal-indiċjar tad-dejta permezz ta' magni ta' tfittxija esterni.

<sup>(25)</sup> Fl-2006, il-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 ippubblika Opinjoni dwar skemi bħal dawn li jittrattaw aspetti ta' dan il-fenomeno relatati mal-protezzjoni tad-dejta: l-Opinjoni 1/2006 dwar l-applikazzjoni tar-regoli tal-UE dwar il-protezzjoni tad-dejta għal skemi ta' whistleblowing intern fl-oqsma tal-kontabbiltà, kontrolli tal-kontabbiltà interna, materji tal-awditjar, il-għieda kontra t-tixħim, reati bankarji u finanzjarji (Opinjoni tal-Grupp ta' Ħidma dwar il-whistleblowing). L-Opinjoni tista' tinstab fuq il-paġna elettronika tal-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29: [http://ec.europa.eu/justice/policies/privacy/workinggroup/index\\_en.htm](http://ec.europa.eu/justice/policies/privacy/workinggroup/index_en.htm)

<sup>(26)</sup> Ara, pereżempju, l-Opinjoni tal-KEPD dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit annwali tal-Unjoni tal-15 ta' April 2011 (ĠU C 215, 21.7.2011, p. 13) u l-Opinjoni dwar l-investigazzjonijiet imwettqa mill-OLAF tal-1 ta' Ġunju 2011 (ĠU C 279, 23.9.2011, p. 11).

<sup>(27)</sup> L-importanza li l-identità tal-whistleblower tinżamm kunfidenzjali diġà ġiet enfasizzata mill-KEPD f'itra lill-Ombudsman Ewropew tat-30 ta' Lulju 2010 fil-kawża 2010-0458, li tista' tinstab fuq il-websajt tal-KEPD (<http://www.edps.europa.eu>). Ara wkoll l-Opinjoni tal-KEPD dwar il-verifika minn qabel tat-23 ta' Ġunju 2006 dwar l-investigazzjonijiet interni tal-OLAF (il-Kawża 2005-0418), u tal-4 ta' Ottubru 2007 dwar l-investigazzjonijiet esterni tal-OLAF (il-Kawża 2007-47, 2007-48, 2007-49, 2007-50, 2007-72).

<sup>(28)</sup> Ara l-Opinjoni dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit annwali tal-Unjoni 15/04/2011, disponibbli fuq <http://www.edps.europa.eu>

il-KEPD jirrakkomanda li fl-ittra b tal-Artikolu 70 tiżdied id-dispożizzjoni li ġejja: “l-identità ta’ dawn il-persuni għandha tiġi garantita fl-istadji kollha tal-proċedura, sakemm l-iżvelar tagħha ma jkunx mitlub mil-liġi nazzjonali fil-kuntest ta’ investigazzjoni ulterjuri jew proċeduri ġudizzjarji sussegwenti”.

35. Il-KEPD ikompli jenfasizza l-importanza li jiġu pprovduti regoli xierqa sabiex jiġu ssalvagwardjati d-drittijiet tal-aċċess tal-persuni akkużati, li huma relatati mill-qrib mad-drittijiet tad-difiża <sup>(29)</sup>. Il-proċeduri għall-konsenja tar-rapport u s-segwitu tagħhom imsemmi fl-Artikolu 70(2)(a) għandhom jiżguraw li d-drittijiet tad-difiża tal-persuni akkużati, bħad-dritt li jiġu infurmati, id-dritt tal-aċċess għall-fajl tal-investigazzjoni u l-preżunzjoni tal-innoċenza, jiġu rrispettati b’mod adegwat u jkunu limitati biss safejn ikunu neċessarji <sup>(30)</sup>. F’dan ir-rigward, il-KEPD jissuġġerixxi li fid-Direttiva proposta tiżdied ukoll id-dispożizzjoni tal-Artikolu 29 l-ittra d) tal-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar abbuż minn informazzjoni privileġġata u manipulazzjoni tas-suq, li jitlob lill-Istat Membru biex idaħħal fis-seħħ “proċeduri xierqa li jiżguraw id-dritt tal-persuna akkużata għad-difiża u li tinstema’ qabel tiġi adottata deċiżjoni li tikkonċerna lilha u d-dritt li tfittex rimedju ġudizzjarju effettiv kontra kull deċiżjoni jew miżura li tikkonċerna lilha”.
36. Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-ittra (c) tal-paragrafu 2, il-KEPD huwa kuntent li jara li din id-dispożizzjoni titlob lill-Istati Membri biex jiżguraw il-protezzjoni ta’ dejta personali kemm tal-persuna akkużata kif ukoll tal-persuna li qiegħda takkuża, skont il-prinċipji stipulati fid-Direttiva 95/46/KE. Madankollu, huwa jissuġġerixxi li jitneħħa l-kliem ‘il-prinċipji stipulati fi’, sabiex ir-referenza għad-Direttiva ssir aktar komprensiva u kontraenti. Fir-rigward tal-ħtieġa li tiġi rrispettata l-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tad-dejta fl-implimentazzjoni Prattika tal-iskemi, il-KEPD jixtieq jagħmel enfasi partikolari fuq ir-rakkomandazzjonijiet magħmula mill-Grupp ta’ Ħidma tal-Artikolu 29 fl-Opinjoni tiegħu tal-2006 dwar il-whistleblowing. Fost l-oħrajn, fl-iskemi nazzjonali ta’ implimentazzjoni, l-entitajiet ikkonċernati għandhom iżommu f’moħħom il-ħtieġa li tiġi rrispettata l-proporzjonalità billi jiġu llimitati, safejn ikun possibbli, il-kategoriji tal-persuni intitolati biex jirrapportaw, il-kategoriji tal-persuni li jistgħu jiġu inkriminati u l-ksur li għalih jistgħu jiġu inkriminati; il-ħtieġa li jiġu promossi rapporti identifikati u kunfidenzjali kontra rapporti anonimi; il-ħtieġa li jiġi pprovdut l-iżvelar tal-identità tal-whistleblowers fejn il-whistleblower ikun għamel dikjarazzjonijiet malizzjużi; u l-ħtieġa li jiġu rrispettati l-perjodi stretti għaż-żamma tad-dejta.

### 3. KONKLUŻJONIJET

37. Il-KEPD jagħmel ir-rakkomandazzjonijiet li ġejjin:

- tiddaħħal dispożizzjoni sostantiva fil-proposti bil-kliem li ġej: “Fir-rigward tal-ipproċessar ta’ dejta personali mwettaq mill-Istati Membri fil-qafas ta’ dan ir-Regolament, l-awtoritajiet kompetenti għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet tar-regoli nazzjonali li jimplementaw id-Direttiva 95/46/KE. Fir-rigward tal-ipproċessar ta’ dejta personali mwettaq mill-EBA fil-qafas ta’ dan ir-Regolament, l-EBA għandha tikkonforma mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 45/2001”;
- jiġi emendat it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 54(1) sabiex l-iżvelar ta’ informazzjoni kunfidenzjali jkun permess biss f’forma fil-qosor jew kollettiva, “sabiex ma jkunux jistgħu jiġu identifikati istituzzjonijiet ta’ kreditu individwali u individwi” (enfasi miżjuda);
- jiġi kkjarifikat fl-Artikolu 48 u fl-Artikolu 56 li l-ftehimiet ma’ pajjiżi terzi jew mal-awtoritajiet ta’ pajjiżi terzi li jipprevedu t-trasferiment ta’ dejta personali għandhom ikunu konformi mal-kundizzjonijiet għat-trasferimenti ta’ dejta personali lill-pajjiżi terzi msemmija fil-Kapitolu IV tad-Direttiva 95/46/KE u fir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u li fid-Direttiva proposta tiġi introdotta wkoll dispożizzjoni simili għall-Artikolu 23 tal-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar abbuż minn informazzjoni privileġġata u manipulazzjoni tas-suq <sup>(31)</sup>;

<sup>(29)</sup> F’dan ir-rigward, ara l-Linji Gwida tal-KEPD dwar l-ipproċessar ta’ dejta personali f’inkjesti amministrattivi u fi proċeduri dixxiplinarji mill-istituzzjonijiet u l-korpi Ewropej, li jenfasizzaw ir-relazzjoni mill-qrib bejn id-dritt ta’ aċċess tas-suġġetti tad-dejta u d-dritt ta’ difiża tal-persuni li jkunu qegħdin jiġu akkużati (ara p. 8 u 9) [http://www.edps.europa.eu/EDPSWEB/webdav/site/mySite/shared/Documents/Supervision/Guidelines/10-04-23\\_Guidelines\\_inquiries\\_EN.pdf](http://www.edps.europa.eu/EDPSWEB/webdav/site/mySite/shared/Documents/Supervision/Guidelines/10-04-23_Guidelines_inquiries_EN.pdf)

<sup>(30)</sup> Ara l-Opinjoni tal-Grupp ta’ Ħidma tal-Artikolu 29 dwar il-whistle-blowing, p. 13-14.

<sup>(31)</sup> Ara n-nota f’qiegħ il-paġna nru 12.

- fid-dawl tad-dubbi espressi fl-Opinjoni preżenti, jiġu evalwati n-neċessità u l-proporzjonalità tas-sistema proposta għall-pubblikazzjoni obbligatorja tas-sanzjonijiet. Soġġett għall-eżitu tat-test tal-proporzjonalità u tan-neċessità, f'kull każ għandhom jiġu pprovduti salvagwardji adegwati li jiżguraw ir-rispett għall-preżunzjoni tal-innoċenza, id-dritt tal-persuni kkonċernati li joġġezzjonaw, is-sigurtà/l-eżattezza tad-dejta u t-tħassir tagħha wara perjodu ta' żmien adegwat;
  
- Fir-rigward tal-Artikolu 70, (1) għandha tiżdied fl-ittra (b) tal-Artikolu 70 dispożizzjoni li tgħid li: "l-identità ta' dawn il-persuni għandha tiġi garantita fl-istadji kollha tal-proċedura, sakemm l-iżvelar tagħha ma jkunx mitlub mil-liġi nazzjonali fil-kuntest ta' investigazzjoni ulterjuri jew proċeduri ġudizzjarji sussegwenti"; (2) tiżdied ittra (d) li titlob lill-Istati Membri jdaħħlu fis-seħħ "proċeduri xierqa li jiżguraw id-dritt tal-persuna akkużata għal difiża u li tinstema" qabel tiġi adottata deċiżjoni li tikkonċerna lilha u d-dritt li tfitx rimedju ġudizzjarju effettiv kontra kull deċiżjoni jew miżura li tikkonċerna lilha; (3) jitneħħa l-kliem "il-prinċipji stipulati" mill-ittra (ċ) tad-dispożizzjoni;

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Frar 2012.

Giovanni BUTTARELLI  
Assistent Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni  
tad-Dejta

---